

Brussell, 10 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16678/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0124 (COD)**

**MI 1041
ENT 277
ENV 1367
CHIMIE 150
IND 603
CONSOM 297
SAN 828
CODEC 2095**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 691 final.

Mehmuż: COM(2025) 691 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.12.2025
COM(2025) 691 final

2023/0124 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 648/2004

1. KUNTEST

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2023) 217 – 2023/0124 COD): it-28 ta' April 2023

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: it-12 ta' Lulju 2023

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: is-27 ta' Frar 2024

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata: mhux applikabbli

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: It-8 ta' Diċembru 2025

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tissimplifika u timmodernizza r-regoli eżistenti dwar id-deterġenti u l-aġenti tensjoattivi. L-oġettivi tagħha huma li tiffaċilita l-moviment liberu ta' tali prodotti fis-suq intern u tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-10 ta' Ġunju 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

- Il-limiti tal-kontenut tal-fosforu. Il-koleġiżlaturi qablu li l-fosforu huwa element essenzjali u li l-Kummissjoni ma għandhiex tingħata s-setgħa li tadatta l-limiti għall-progress tekniku u xjentifiku permezz ta' att delegat. Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-regolament, il-Kummissjoni hija mistennija tivvaluta l-fattibbiltà ta': (i) it-tnaqqis tal-limiti eżistenti għad-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u għad-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur u (ii) l-introduzzjoni ta' limiti ġodda għal kategoriji oħra ta' prodotti. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva. Barra minn hekk, ir-rieżami komprensiv tar-regolament, li għandu jitwettaq mill-Kummissjoni fi żmien 7 snin mid-dħul fis-seħħ għandu jivvaluta l-possibbiltà tat-tneħħija gradwali tal-fosforu. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.

- Bijodegradabbiltà tal-ingredjenti. Il-Kummissjoni hija mistennija tistabbilixxi, permezz ta' att delegat li jemenda l-Anness I tar-Regolament, kriterji ta' bijodegradabbiltà għal: (i) films użati f'kapsuli tad-deterġenti u polimeri fit-tali films, fi żmien 3 snin mid-dħul fis-seħħ tar-regolament, u (ii) sustanzi organiċi oħra użati f'konċentrazzjoni għolja, fi żmien 5 snin. L-industrija għandha tkun meħtieġa tikkonforma mal-kriterji l-ġodda fi żmien 6 snin mid-dħul fis-seħħ għall-kapsuli tad-deterġenti u 8 snin għas-sustanzi organiċi użati f'konċentrazzjoni għolja. Ir-rieżami tar-regolament għandha teżamina l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' regoli dwar il-bijodegradabbiltà ta' sustanzi organiċi użati f'konċentrazzjonijiet aktar baxxi. Dan l-approċċ komprensiv huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.
- Deterġenti li fihom il-mikroorganiżmi. Il-koleġiżlaturi qablu li jissostitwixxu xi wħud mir-rekwiżiti stretti fil-proposta tal-Kummissjoni bi kriterji ta' sikurezza ġenerali. Il-Kummissjoni hija mistennija tiżviluppa, f'att delegat li jemenda l-Anness II tar-regolament, metodoloġija ta' valutazzjoni tar-riskju fi żmien 30 xahar mid-dħul fis-seħħ tar-regolament, li tkopri r-riskji potenzjali kollha filwaqt li teskludi l-metodi tal-ittestjar fuq l-annimali. Dan l-approċċ huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni, peress li jiżgura qafas legali aktar flessibbli għall-prodotti innovattivi.
- Ittestjar fuq l-annimali. Il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu projbizzjoni ġenerali fuq l-ittestjar fuq l-annimali biex tiġi ppruvata l-konformità mar-regolament, filwaqt li jippermettu lill-Kummissjoni tawtorizza, permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni, tali ttestjar f'każijiet eċċezzjonali. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.
- Rappreżentant awtorizzat. Il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu regoli li jestendu l-mandat tar-rappreżentanti awtorizzati maħtura minn manifatturi mhux tal-UE biex ikopru ċerti kontrolli tal-konformità. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni, peress li jsaħħaħ is-sorveljanza tas-suq.
- Piż amministrattiv. Il-koleġiżlaturi qablu li jiddistingwu bejn aġenti tensjoattivi magħmula disponibbli għall-manifatturi tad-deterġenti u dawk magħmula disponibbli direttament għall-utenti finali, u li jissimplifikaw ir-regoli għal dawk tal-ewwel. Barra minn hekk, għandhom jinħolqu passaporti diġitali tal-prodotti għall-mudelli tal-prodotti aktar milli għal kull lott tal-istess mudell. Dawn il-bidliet huma aċċettabbli għall-Kummissjoni, peress li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent.
- Skedi tad-data tal-ingredjenti għad-deterġenti li mhumiex perikolużi għas-saħħa tal-bniedem. Il-koleġiżlaturi qablu li tali skedi tad-data għandhom jiġu kkomunikati liċ-ċentri nazzjonali tal-velenu qabel ma l-prodotti jiġu introdotti fis-suq, bl-użu ta' format żviluppat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi aktar dettalji dwar kif l-iskedi tad-data għandhom jiġu kkomunikati permezz ta' att delegat li jemenda l-Anness IV tar-regolament. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni, peress li tiżgura li l-persunal mediku jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar id-deterġenti f'każijiet ta' avvelenament.
- Differiment tal-applikazzjoni. Il-koleġiżlaturi qablu li jipposponu l-applikazzjoni tar-regolament il-ġdid għal 42 xahar. Dan huwa aċċettabbli għall-Kummissjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.